# In-Neoloġiżmi fil-Malti:
# Il-Lingwa bħala Għodda Mingħajr Fruntieri
## Neologisms in Maltese:
## Language as a Tool without Barriers

**Leanne Ellul**
leanne.ellul@um.edu.mt

### Abstract

This study focuses on neologisms in Maltese whose diverse word formation strategies, namely the root-and-pattern morphology and concatenative morphology, offer wide possibilities for analysis. In short, the term neologisms refers to newly coined words in a language (Kilgarriff 2008). Neologisms in English include *lactivist* (n.) and *mansplain* (v.) whilst neologisms in Maltese include *stessu* 'selfie' (n.) and *kejkina* 'cupcake' (n.). The linguistic mechanisms through which these neologisms are created are numerous and give way for the language to grow and to adapt over time. In fact, on one hand, there are arguments for neologisms and their full potential in breaking language barriers, but on the other there are arguments claiming that neologisms are imposed and ephemeral. Examples from everyday life and from the different types of neologisms are explained and the productive mechanisms through which they are created in Maltese are brought to light. The MLRS Corpus also provides numerous examples for this study. Therefore, through this study I will address: (i) the definitions of neologisms and their applicability in Maltese; (ii) the mechanisms through which neologisms are formed; (iii) the relevance of neologisms in widening our vocabulary.

**Keywords: neologisms, nonce, morphology, Maltese, productivity**

### Daħla

In-neoloġiżmi huma s-suġġett ta' diversi dibattiti li jirriflettu l-potenzjal tal-lingwa. Il-lingwa nnifisha ttina diversi għodod li permezz tagħhom niffurmaw u nagħġnu l-kliem. B'dawn l-għodod f'idejna, nesperimentaw biex konxjament jew inkoxjament inwessgħu, fost l-oħrajn, il-vokabolarju tal-istess lingwa.

Fil-qalba tal-proċess tal-ħolqien tal-kliem hemm l-att fundamentali tat-tismija u l-mod li bih nirreferu għall-oġġetti li jeżistu madwarna (Saussure, 1916, pp.111-117). Il-bniedem iħoss il-ħtieġa li jagħti isem lill-oġġetti ta' madwaru, li jidentifika l-istess

oġġetti permezz ta' isem. Meta jsib oġġett ġdid jeħtieġlu jsib ukoll isem ġdid għalih. Meta ma jsibx isem li jaqdih, jirrikorri għall-ħażna ta' mekkaniżmi li hu familjari magħha u bi ftit kreattività lingwistika joħloq il-ġdid; iħaddem l-għodod li għandu disponibbli għalih fi proċess li jurina kemm il-lingwa hi tassew għodda mingħajr fruntieri.

## X'inhuma n-neoloġiżmi?

Fi ftit kliem, it-terminu 'neoloġiżmu' jirreferi għal kliem ġdid f'lingwa, ngħidu aħna *lactivist* (n.), *mansplain* (v.), u *tomgirl* (n). fl-Ingliż u *stessu* (n.), *titmazzaz* (v). u *kejkina* (n.) fil-Malti. Madankollu, insibu diversi definizzjonijiet ta' xejra lessikali, morfoloġijka jew semantika għal dan l-istess terminu. Neoloġiżmu jista' jkun ukoll kelma li ma tkunx ilha li daħlet f'lingwa jew kelma li bdiet tintuża b'tifsira ġdida, ngħidu aħna fil-Malti *plattin* kienet tirreferi għal platt żgħir li tiekol minnu iżda maż-żmien il-kelma *plattin* ħadet ukoll it-tifsira ta' platt żgħir li jisparaw fuqu. Skont Akmajian et al (2010), f'sens dejjaq, in-neoloġiżmu huwa kelma li għadha kemm tiżdied f'lingwa, filwaqt li definizzjoni iktar wiesgħa ta' neoloġiżmu hija kelma li għaddiet minn bidliet fit-tifsira (p.591). Cabré (1999) tgħid li n-neoloġiżmu jista' jkun kelma li ilha li feġġet, kelma li għadha ma daħlitx fid-dizzjunarju, kelma li jkollha instabilità formali jew instabilità semantika, u kelma li l-kelliema jqisuha ġdida (p.205).

Hemm min jissuġġerixxi li kliem missellef mit-Taljan u mill-Ingliż bħal *assessjar* u *ħuliganiżmu* u l-kliem misluf dirett miktub b'ortografija Maltija (ara *Frejp* ta' Clare Azzopardi) jew Taljana u Ingliża bħal *snapshots* u *waiter* (ara *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* ta' Juann Mamo) huma neoloġiżmi wkoll. Cachia (1978) jagħmel referenza għal traduzzjonijiet litterali li jiksbu tifsira ġdida fil-Malti bħal *dgħajsa tal-ġiri* għal *speedboat* jew *imħażen tal-friża* għal *cold stores* (p.82).

Dawn it-traduzzjonijiet ifakkruna fil-kalki li jirreferu għal tip ta' self li fih il-kostitwenti morfermiċi tal-lingwa sors jiġu tradotti kelma b'kelma b'mod li jinħolqu morfemi ekwivalenti fil-lingwa mira (Crystal, 2008: p.329). Crystal jagħti l-eżempju *Superman* fl-Ingliż minn *Übermensch* fil-Ġermaniż. Fil-każ tal-Malti, nistgħu nsemmu eżempji bħal *ħasil il-moħħ* għal *brainwashing* u *qamar il-għasel* għal *honeymoon*.

B'differenza minn dan il-kliem ġdid li jaqbad mal-kelliema u jidħol parti mill-vokabolarju ta' kuljum, insibu l-kliem nonce. Cystal jiddeskrivi dal-kliem bħala "a linguistic form which a speaker consciously invents or accidentally uses on a single occasion." (Crystal, 2008, p.329) Il-letteratura, speċjalment il-kitba għat-tfal, toffrielna minjiera ta' eżempji. Biżżejjed inħarsu lejn *The BFG* ta' Roald Dahl li fih jippreżentalna sfida ġdida permezz tal-kliem li nagħmlu sens minnu għax fost l-oħrajn (i) jikkonforma ma' tlaqqigħat fonoloġiċi possibbli fl-Ingliż, u (ii) iħaddem suffissi eżistenti li jirrispettaw it-temp u l-klassi lessikali (Eggins, 2004, [p.27-28). Skont Crystal, jekk il-kelma taqbad, inkunu nistgħu nirreferu għaliha bħala neoloġiżmu.

Filwaqt li nżommu f'moħħna din il-varjetà ta' termini u definizzjonijiet, f'din il-

kitba se nkun qed nirreferi primarjament għan-neoloġiżmi fis-sens dejjaq tagħhom, jiġifieri kliem maħluq ġdid f'lingwa, mingħajr ma neskludi xi eżempji nonce.

### *Iż-żmien, xi rwol jilgħab?*

Fuq naħa nsibu min jinkoraġġixxi l-ħolqien tan-neoloġiżmi u jisfrutta l-potenzjal tagħhom, u fuq in-naħa l-oħra, insibu min jargumenta li n-neoloġiżmi huma effimeri u imponuti mil-lessikografi (Hitchings, 2011). Mhux l-ewwel darba li nsibu min jargumenta li n-neoloġiżmi maħluqa għalxejn u jipproponi li nqajmu kliem li miet (Sammut, 2012, p.9). Fil-qalba ta' dan kollu hemm iż-żmiem u għalhekk wieħed jistaqsi: Kemm irid jgħaddi żmien biex kelma tibda tissejjaħ neoloġiżmu? Kemm irid jgħaddi żmien biex kelma ma tibqax tissejjaħ hekk u tidħol bħala parti mill-vokabolarju tal-lingwa?

Fi kliem Żahra (2013), hu u jikkummenta fuq in-neoloġiżmi fix-xogħol ta' Mamo, "minħabba fil-ħtieġa ta' aġġornament kontinwu minn lingwa li hija ħajja, dejjem se jkun hemm kliem li meta jiġi meqjus dijokratikament u sinkrotikament, se jkun ikkunsidrat bħala kliem li ma jkunx ilu li daħal u li sar parti mill-bqija tal-kliem użat u drat mill-kelliema." (p.46) Il-kriterju taż-żmien huwa essenzjali daqskemm hu relattiv fl-aċċettazzjoni tagħna ta' kelma u t-tħaddim tagħha. Bħalma tgħallimna l-istorja, għall-ewwel, kelma aktarx li ssib reżistenza, iżda maż-żmien tindara u ssir parti mill-vokabolarju tagħna, bħalma ġara bil-kelma *tisliba*.

Hawnhekk qed nipproponi din it-tabella li tgħinna nħarsu lejn il-proċess li bih kelma tiġi aċċettata f'lingwa. Naturalment, iż-żmien preċiż huwa relattiv skont il-bżonn li hemm għal din il-kelma (ngħidu aħna, *ewro*) u l-frekwenza tal-użu (ngħidu aħna, *ittre* u *borrinu*), fost l-oħrajn.




**Tabella nru 1**

Bla dubju, li kelma tkun inkluża fid-dizzjunarju tgħin fl-aċċettabilità tagħha. Kelma tiġi inkluża f'dizzjunarju għax tkun qed tintuża mill-kelliema, u aktarx li tintuża iktar għax wieħed isibha f'dizzjunarju. Naturalment, f'lingwi b'iktar riżorsi minn tagħna dan il-proċess huwa iktar iffaċilitat. L-Oxford English Dictionary (2018) jaġġornaw id-dizzjunarju minn żmien għal żmien. L-aħħar żieda iktar minn 900 kelma u tifsira saret f'Ġunju 2018.

Minkejja li d-dizzjunarju mhux l-uniku kejl tal-kliem, żgur illi jagħti status lill-kliem u aċċettabilità formali u jgħin biex iż-żmien li fih tiġi aċċettata u użata l-kelma,

jitnaqqas. Li kelma tibda tieħu forom oħrajn (ngħidu aħna, verb li jibda jiġu konjugat jew jiġu derivati minnu lessemi oħrajn) huwa prova oħra li l-kelma tkun qabdet u daħlet bħala parti mill-vokabolarju tal-lingwa.

## In-neoloġiżmi fil-Malti

Il-grammatiki tagħna ma jikkummentawx wisq fuq in-neoloġiżmi. Hawnhekk nikkwota biss *Iż-Żieda mat-Tagħrif fuq il-Lingwa Maltija* (1984). F'din iż-żieda nsibu referenza għan-"Neoloġiżmi Anglo-Sassoni u Rumanzi fil-Malti" u l-ortografija tagħhom. Jingħad li:

> Il-Malti, bħall-ilsna ħajjin kollha, issellef u għadu jissellef kliem l-aktar minn dawk lilsna li jiġi f'kuntatt magħhom kulturalment, soċjalment, ekonomikament u kummerċjalment. Id-dħul ta' kliem barrani li l-poplu jħoss il-bżonn tiegħu jġedded u jqawwi l-ilsien Malti, għalkemm il-Malti jibqa' fundamentalment ilsien Semitiku. Ħafna mill-kliem missellef jingħata bixra fonetika, morfoloġika u grammatikali Maltin. Kliem ieħor, li jkun x'aktarx ġdid, ikun irid iż-żmien biex joqgħod u jaddatta ruħu għall-Malti.

Għaldaqstant, hawnhekk b'neoloġiżmu qed jinftiehem kliem li dieħel minn lingwa oħra u mhux kliem maħluq ġdid fl-istess lingwa. Fil-fatt, *Iż-Żieda mat-Tagħrif fuq il-Lingwa Maltija* tkompli billi tagħti gwida dwar kif għandu jinkiteb dan il-kliem.

### *Il-mekkaniżmi li bihom noħolqu n-neoloġiżmi*

Il-mekkaniżmi li bihom noħolqu n-neoloġiżmi (qabelxejn verbi, nomi, aġġettivi iżda wkoll partijiet oħra tad-diskors) f'diversi lingwi (ara Akmajian et al. (2010) u Lieber (2005)) huma varji. Primarjament nagħmel referenza għall-Ingliż għax insibu l-istess kliem f'lingwi oħra Indo-Ewropej kif ukoll għaliex hija t-tieni lingwa tagħna u għandna aċċess ikbar għaliha.

Il-mekkaniżmi ewlenin li bihom noħolqu kliem ġdid huma: (i) il-kompożizzjoni bħal *kartanzjan* u *qawsalla*; eżempji interessanti oħra nsibuhom fir-rumanz *It-Tawmaturgu ta' Mark-Anthony Fenech* fosthom *spazjuplan* (vettura tal-ajru u spazjali) u *sitarra* (strument mużikali magħmul minn sitar u kitarra), (ii) it-tqarwiż bħal *dott* għal *dottore* u *microwave* għal *microwave oven*, (iii) il-blending bħal *smog* magħmula minn *smoke* u *fog* u iktar riċenti *brexit* magħmula minn *British* u *exit* (Fontaine, 2017), (iv) il-formazzjoni warranija bħal *surreali* minn *surrealiżmu*, u (v) l-akronimu bħal *NATO* għal *North Atlantic Treaty Organization*.

Is-sitwazzjoni tal-Malti hija kemxejn partikolari għax filwaqt li l-potenzjal għal kliem ġdid, teoretikament huwa fertili doppjament minħabba s-sistema konkatenattiva u s-sistema mhux konkatenattiva li jħaddem, ir-rata li biha noħolqu kliem ġdid fuq naħa, u r-reżistenza fost il-poplu u l-mezzi li bihom niffaċilitaw li jaqbad dan il-kliem fuq naħa oħra, mhumiex iwieżnu lil xulxin.

*Is-sistema mhux konkatenattiva*

F'*The Producticty of Arabic in Maltese* (1995) Mifsud jistqarr li "it is all too evident that the productivity of the Arabic morphological mechanism in Maltese is very limited and shows signs of further decline" (p.158). Fost il-kliem imnissel minn għeruq Semitiċi jew zkuk Romanzi nsibu *dinji* minn *dinja*, *kelliemi* minn *kellem*, u *mleħħen* minn *leħen*. Minħbba l-forma templatika li hu ffurmat biha dal-kliem, u allura sistema xi ftit jew wisq restriġġenti, ftit li xejn baqa' jinħoloq kliem li jifforma parti minn din is-sistema. Naturalment, eżempji bħal *tellgħar* minn *tella'* (għerq u forma Għarbi u zokk Rumanz) joħolqu interess kbir u jkomplu juruna kemm il-lingwa, jew aħjar il-lingwi, m'għandhomx fruntieri.

Cachia (1978), f'*Contemporary Jouralistic Maltese* jagħmel referenza għal *tisħib* li ġiet iffurmata mill-għerq SNB bl-idea ġenerali ta' sħubija, iżda b'sens ġdid, ta' sħubija politika. (p.81) Eżempju interessanti ieħor hu *tpinġija*, mhux biss għax kelma li ġejja mit-Taljan qagħdet għall-forom morfoloġiċi Għarab (Ellul, 2016: p.141), iżda wkoll għax hija kelma li maż-żmien akkwistat tifsira ġdida, dik ta' tatwaġġ (ara Żahra, 2013, p.49, u Zammit, 2016).

*Is-sistema konkatenattiva*

Is-sistema konkatenattiva tippermetti iktar flessibiltà. Huwa iktar faċli għall-kelliema li jżidu tarf ma' zokk stabillit u b'hekk jagħtu tifsira ġdida liz-zokk. Din it-tendenza hija l-fenomenu tal-istabilizzazzjoni taz-zokk li mhu xejn ġdid għall-Malti; tant illi kif jgħid Mifsud (1995) "fil-Malti Semitiku nnifsu hemm sforz biex jiġu stabilizzat iz-zokk" (p.159). Jagħmel referenza għal numru ta' mekkaniżmi mill-Għarbi li llum ma tantx għadna nħaddmuhom, ħlief għall-konjugazzjoni li kif jgħid "While verbal derivation is limited to Arabic and Arabicised verbs, verbal inflextion has succeeded in extending it's productivity to all loan verbs" (p.154) kif anke jidher fi kliem maħluq dan l-aħħar bħal *tissajfaġġja* u *tistessja*. Dwar dan, Cachia (1978) jgħid li "verbs of this sort coined on English nouns by means of the ending *-ja*, are also very common" (p.84) u jagħti l-eżempju *strajkja.* F'"The language of young people and language change in Maltese" Fabri (2011) jikkwota lil Barbara u Scicluna (2002: p.42) u jagħti l-eżempji *tiffrikja, tinnerdja, tifflertja* u *tiffrenċja*.

F'"Influwenzi fuq il-Malti: Sa fejn għandna naslu?", Mifsud (2000) iżid li

> għalkemm l-Ingliż min-natura tiegħu kellu jintegra mal-bażi Għarbija tal-Malti wisq aħjar mit-Taljan, dan fil-fatt ma seħħx. Il-mkkaniżmu tat-tnissil ma kienx għadu produttuv u l-Malti, sa minn qabl il-miġja ta-Ingliżi, kien żviluppa toroq oħra eħfef għall-integrazzjoni tal-kleim missellef. Imma daw kienu toroq li jixbhu wisq iktar lis-sistema tal-lingwi Ewropej, biz-zokk u l-affissi, milli lis-sistema nattiva tal-Malti stess, bil-għerq u l-forom miksura. (p.63)

Mifsud (1995) jirreferi għas-suffissi mit-Taljan li jrendu nom tal-aġent. Jispjega kif ix-xogħlijiet saru iktar tekniċi, u allura n-nomi u l-mekkaniżmi li bihom jinħoloq in-nom tal-aġent bdew jiġu importati mit-Taljan (p.155). Isemmi s-suffissi *-ar, -atur, -ur, -ant, -ist(a)* fi kliem bħal *arġentier*, *induratur*, *awtur kantant* u *bandista*. Dawn is-suffissi għadhom produttivi sal-lum il-ġurnata fi kliem bħal *salottier*, *logħoburist* u *nisatur* (ara Appendiċi 1).

Ħarsa lejn Appendiċi 1 turina lista ta' kliem maħluq fl-aħħar snin u primarjament mibni permezz tal-morfoloġija konkatenattiva. Xi kliem f'din il-lista ġie ffurmat fil-kuntest ta' logħob bil-kliem iżda xorta waħda jurina kemm il-lingwa għandha l-potenzjal li toħloq, tant li xi kliem minn dan, skont l-MLRS (Maltese Language Resource Server), diġà qed jitħaddem minn nies.

Mifsud (1995) jindika wkoll it-tħaddim tan-nom mimmat, speċjalment fejn jidħol in-nom tal-post. In-nom mimmat baqa' jitħaddem ma' kliem ieħor u joħloq kliem ġdid. Fil-fatt, Mifsud jagħmel refernza għal numru ta' neoloġiżmi b'għeruq Għarab li nħolqu matul is-snin permezz ta' dan il-mekkaniżmu fosthom *Mylsen* (ta' Vassallo) u l-*Miklem* (ta' Serracino-Inglott) u anke l-kelma *mitjar*. Fil-fatt, interessanti kif xi drabi, ċerti puristi joħolqu kliem ġdid ibbażat fuq mekkaniżmi Għarab meta jkollna kelma eżistenti, kif ġara b'*għalliema* li daħlet wara l-kelma *teacher*.

Mifsud jagħmel referenza għan-nomi tal-post li jħaddmu suffiss Taljan u dawn jgħid li huma produttivi bħal *spiżerija*, *biljetterija* u *birrerija* li kollha jħaddmu s-suffiss *-(er)ija*. Fil-fatt, dan is-suffiss għadu produttiv sal-lum u narawh f'eżempji bħal *pulpetterija* u *ftajjarija*. Kien hemm żmien li fih anke l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malta inkoraġġixxa l-ħolqien ta' kliem ġdid Malti bħal *fenkerija*. Interessanti wkoll l-eżempju *snackeria* fejn din id-darba għandna zokk Ingliż li miegħu ngħaqad suffiss Taljan (ara Appendiċi 1).

Suffissi oħra li jeħtieġu l-attenzjoni tagħna huma *-aġni* kif imsemmi minn Fabri (2011) b'eżempji bħal *inkazzaġni*, *blasensaġni*, *vojtaġni* u *ksuħaġni* u *-izza* f'eżempji bħal *brikkunizza* u *mqarbizza*. Fabri jsemmi wkoll *-ata* bl-eżempji *żiblata* u *miġnunata* (pp.20-21). Ma' dawn nistgħu nsemmu eżmpji iktar riċenti li proprju juru kemm dawn is-suffissi għadhom pruduttivi bħal *bjondata, fruttata* u *bebbuxata*. Interessanti l-eżempju *każinata* li ntuża għall-ewwel darba minn għaqda studenteska u minn dak iż-żmien 'l hawn diversi għaqdiet studenteski u għaqdiet oħrajn addottaw u ħaddmu dan l-isem (ara Appendiċi 1).

**In-neoloġiżmi f'kuntest**

L-aħjar mod li bih niġġudikaw kelma huwa l-kuntest. Cachia (1978) fil-fatt jikkummenta fuq ir-rikostruzzjonijiet morfoloġiċi b'għeruq jew zkuk antiki jew ġodda u kif dawn iseħħu fil-gazzetti u iktar minn hekk, fil-lingwa letterarja (p.84). Kelma ġdida użata fil-gazzetta jew f'rumanz tirrifletti l-kreattività tal-awturi u tixpruna t-tħaddim ta' lessiku ġdid.

*Fil-gazzetti*

F'"Influwenzi fuq il-Malti: Sa fejn għandna naslu?", Mifsud (2000) jikkummenta li bit-tajjeb u l-ħażin kollu, il-lingwa qiegħda f'idejn il-ġurnalisti (p.55). Ryding (2005) tikteb li

> Particular features of MSA journalistic style include more flexible word order, coinage of neologisms, and loan translations from western languages ... It is just this ability to reflect and embody change while maintaining the major grammatical conventions and standards that make journalistic Arabic in particular, a lively and widely understood form of the written language and, within the style spectrum of Arabic as a whole, a functional written standard for all Arab countries. (p.9)

Dan jurina kemm il-ġurnaliżmu jista' jkun tassew lok ta' kreattività u twessigħ tal-fruntieri tal-lingwa.

Fenech (1978), jgħid li l-modi diversi li bihom jinħoloq kliem ġdid fil-gazzetti huma innovazzjonijiet semantiċi, innovazzjonijiet morfoloġiċi, kliem misluf addattat għall-Malti u kliem misluf li ma jinbidilx (p.80). Huwa jikteb kif bil-kelma *ħatfa* nifhmu *a snatch* imma permezz ta' speċjalizzazzjoni tat-tifsira, fil-gazzetti saret tintuża bit-tifsira ta' *kidnapping* (p.81). Iżid li numru ta' neoloġiżmi huma nomi verbali ffurmati permezz tal-prefiss t- u ħafna drabi jfissru ideat astratti bħal *tkomplija* li tfisser *completion* jew *furtherance* (p.85; ara wkoll Ellul, 2016, p.88), u *xbubija* minn *xebba* (Cachia, 1978, p. 85).

*Fil-letteratura*

Fil-letteratura, il-liċenzja poetika u l-kreattività lingwistika jieħdu prijorità. Hemm enfasi fuq x'qed jingħad, iżda l-iktar fuq kif qed jingħad. Il-letteratura tgħallimna nkunu kreattivi lingwistikament; tgħallimna nkissru l-fruntieri biex noħolqu l-ġdid u kif dak il-ġdid, għax iħaddem nozzjonijiet li aħna familjari magħhom, jinftiehem xorta waħda.

Cixous (2014) tgħid "... we are well aware that one knows how to fabricate neologisms; when there is a need for them, they come! As for their codification

… usage decides.” (p.58) Il-kitbiet letterarji stess joħolqu l-bżonn ta’ ċerti kliem. Li l-awturi joħolqu kliem ġdid biex jesprimu kunċetti li ma jsibux kliem għalihom, imur id f’id mad-dixxipplina li qed iħaddmu, u allura din insibuha minn dejjem. Eżempju ta’ dan fil-letteratura tagħna huwa r-rumanz *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* ta’ Juann Mamo li jippreżentalna numru ta’ neoloġiżmi.

Kif jirrimarka Żahra (2013), Mamo jħaddem tlieta mill-mekkaniżmi li semmejna iktar ’il fuq biex joħloq in-neoloġiżmi, jiġifieri (i) kliem missellef direttament mill-Ingliż jew it-Taljan; (ii) il-ħolqien ta’ derivattivi minn zkuk Rumanzi u Ingliżi jew għeruq Semitiċi u (iii) binjiet komposti (p. 47).

M’hemmx dubju li Mamo kien kreattiv ħafna fl-użu tiegħu tal-lingwa, u xejn ma qagħad lura milli jħaddem l-għodod li kienu disponibbli għalih. Ngħidu aħna, Mamo jibdel il-kunjomijiet f’aġġettivi permezz tas-suffiss *-jan*, ngħidu aħna *Stricklondjon*. Xi drabi l-ismijiet sħaħ jew il-kunjomijiet jagħtihom plural sħiħ, ngħidu aħna minn *Girgor* joħloq *Ghirgorijet*, *Sacco* joħloq *Sakkijiet*. Kif jirrimarka Cachia f’*Contemporary Journalistic Maltese* (1978), “The words l-isperparts and l-iskajġakers could undergo another modification in assimilating themselves to Maltese by replacing the English plural in *-s* by the Maltese plural *-ijiet*, so that they would read l-isperpartijiet and l-iskajgakerijiet. The trend of making such replacements is gaining ground both the journalistic language, and in spoken and literary Maltese” (p.29). Din fil-fatt tagħmilha wkoll Clare Azzopardi fis-sensiela ta’ kotba ta’ Jake Cassar meta tuża l-kunjom *Pakrazjijiet*.

Mamo juża wkoll għeruq Semitiċi stabbiliti biex joħloq kliem ġdid, ngħidu aħna *nixxiefa* minn *nixef*, *mikrijin* minn *kera*, u *mħasses* minn *ħass*; juża zkuk Rumanzi stabbiliti biex joħloq kliem ġdid bħal *jiffowkussja* minn *fokus* u zkuk Ingliżi stabbiliti biex joħloq kliem ġdid bħal *jibboksja* minn *boks* u *jiddrinkja* minn *drink*.

Fil-każ tal-kwadrilitteri, Mifsud jikteb li l-proċess li bih niffurmaw il-kwadrilitteri m’għadux jiġi mħaddem mill-poplu, “tant li dawk il-ftit verbi kwadrilitteri sħaħ iffurmati riċentement b’dan il-proċess jinstabu l-aktar fil-letteratura” (Ellul 17). Hawnhekk ta’ min ninnutaw l-użu tal-verb *iqanpnu* fil-poeżija “Assedju- Stil 1967” ta’ Mario Azzopardi:

fuq kull kampnar il-landi mtaqqba
tat-tradizzjoni jqanpnu
l-assedju tal-elfdisamija

Il-kreattività lingwistika tifjorixxi fejn tidħol il-kitba għat-tfal. Azzopardi, fis-sensiela ta’ Jake Cassar tuża s-sigular *serk* u l-plural *sriek* li jirreferu għal kreaturi koroh u kattivi; qishom boċoċ żgħar suwed, ħodor, bla jdejn u bla saqajn, ħalqhom mimli snien bil-ponta; iħobbu jieklu l-Kantofonis. Il-*Kantofonis* ukoll hija kelma li tivvinta Azzopardi (għal oġġett li ħolqot hi stess) fl-istess sensiela u biha tirreferi għal pjanta li tikber biss fir-Renju Unit u kull darba li jikluha jew jixorbuha l-Uditi jintunaw il-vuċi tagħhom. Azzopardi tagħti wkoll tifsira ġdid li kliem li diġà jeżisti.

Il-kelma *karrottu* fil-ktieb *Mingu* mhix ħaxix jew kif tintuża fl-MLRS bħala oġġett li jattira lil xi ħadd, imma mnieħer twil (u xi ftit mgħawweġ ukoll).

Xi ħaġa ta' spiss fil-poeżija, hija l-innovazzjoni morfoloġika li permezz tagħha jinħoloq diskors ġdid li jiddefamiljarizzana minn norma. Din xi ħaġa li jagħmilha ħafna Glen Calleja f'*eki t'eki* (2012) u f'*kull flgaħaxija kif mal-għabex tnin u tmut saħħet il-jum* (2016). Hawnhekk se nillimita biss il-kummenti tiegħi fuq parti mill-poeżija "tini. sib. trid. dawwal. armi." (2014) Din hija silta mill-poeżija.

iii.
trid tibda mawrietek fis-salott tar-Reġim
trid tagħraf, b'xagħrek quddiem għajnejk,
xi jfissru ċerta tkaken u t-toqol tal-pass
fejn u kif u għal min jaqgħa w jieqaf u xi jħalli wara dahru
trid titgħallem taqra l-isdra immedaljati
trid tmissilhom biżlejhom imqajjma minn fuq il-flokk
biex jiftħu kamra kliem protett
trid tmiss l-ilma u sselġu u toħloq gżejjer t'ambjent naturali pristin
safi, dik il-kelma li ridt

v.
armi l-lukanda fejn morna 'l bogħod
u ġejna lura iktar televiżivi minn qatt qabel
armi l-gallarija mnejn ġibdu x-xena ta' ħbiberija
armi s-sular sħiħ u l-prekawzjonijiet
arm'imla l-kennierji tal-iMdini bil-pjanijiet tiegħek
tiegħi magħmulin biex jorqdu w ma jqumux

armi mill-inqas tliet ġenerazzjonijiet ta' kpiepel t'għajnejn
wara l-kafè ta' filgħodu f'kolazzjon kollettiv
armi l-irkoppa titriegħed nervuża taħt il-mejda
armi l-*ma-rridx* tas-sħab imdendel dalgħodu, jew
raxxet ftit fl-aħħar?

Hawnhekk ninnutaw diversi innovazzjonijiet morfoloġiċi fosthom is-suffiss pronominali (possessiv) *-ek* f'*mawrietek* li ġeneralment jingħaqad ma' nomi li huma qrib tagħna (bħal *id*, *saqajn* u *dar*). Calleja qed jgħaqqadu man-nom verbali tal-unità *mawra*. Iħaddem ukoll il-plural miksur f'*isdra*; bħalma minn *seqer* nagħmlu *isqra*, minn *sider* jagħmel *isdra*. Għalkemm mhux strettament neoloġiżmu, *isdra* jintuża l-iktar fil-kuntest ta' "isdra tat-tiġieġ" u għalhekk qiegħed jużah b'mod ġdid. Ftit huma l-bliet jew l-irħula li huma plural (bħall-*Imrieħel*); hawnehekk l-iktar plural popolari fil-Malti, *-i*, jużah ma' isem ta' belt biex joħloq l-*iMdini.* Jieħu spunt ukoll mill-kliem u joħolqu mill-ġdid f'kategorija grammatikali oħra: minn nom *medalja* jagħmel il-parteċipju passiv *immedaljati* u minn nom *silġ* joħroġ il-verb [i]*sselġu*.

Walid Nabhan ukoll għandu ħila kbira fit-tħaddim tal-lingwa b'mod innovattiv. Ta' min ngħidu li Walid kelliem nattiv tal-Għarbi u allura għandu aċċess ikbar għall-mekkanizmi Semitiċi. Nirreferi għal diversi eżempji mill-ktieb *Fi Triqti Lejha* (2014). Bħal Calleja juża s-suffiss pronominali (possessiv) ma' nomi li mhux soltu jieħdu dan is-suffiss fit-tieni persuna bħal *nuqqasek*, *ħalibek*, *larinġatek*, *liżarek* u *takkuntek*, u fl-ewwel persuna bħal *żarbuni*, *melħi*, *għajjati* u *tebuti*. Ċarament, il-morfoloġija konkatenattiva tiffaċilita l-ħolqien ta' kliem ġdid jew kliem użat b'mod ġdid u fil-fatt Nabhan juża l-plural *-ijiet* biex irendi plural il-kliem li mhux soltu nużawh fil-plural bħal *dejavuwijiet*, *imniħrijiet* u *ekujiet*. Joħroġ ukoll kliem minn kliem ieħor bħal *friskezza* (n.) minn *frisk* (n). u *twerraq* (v.) minn *weraq* (n.). Xi drabi l-kliem iżomm l-istess kategorija grammatikali u xi drabi jibdilha (ara wkoll diversi studji fl-Ingliż dwar kliem bħal *Google* u *fabulous*, fosthom Harbeck, 2014 u Kilgarriff, 2010).

Jekk hemm qasam li ftit li xejn għadu esplorat fil-Malti, huwa dak tal-fantaxjenza u allura jista' jonqos li min se jikteb dan il-ġeneru, fosthom John Bonello, irid isib kliem ġdid. Iżda ktieb li żgur qabeż il-fruntieri huwa *It-Tawmaturgu* ta' Mark-Anthony Fenech. F'dan il-ktieb, insibu numru ta' neoloġiżmi, xi wħud ivvintati kompletament u m'għadhom ebda rabta mat-tifsira tagħhom bħal *apoljos* (l-aktar punt 'il bogħod ta' korp spazjali – pjaneta, qamar jew asterojde – mix-xemx); oħrajn imsejsa fuq mekkaiżmi mħaddmin diġà bħal *attwaturi* (muturi żgħar misjuba fil-ġonot tal-armatura li jtejbu l-moviment tal-bniedem) u *telepatista* (persuna mħarrġa fl-użu tat-telepatija). Xi wħud mill-kliem li joħloq iżid tifsira ma' dik eżistenti bħal *bastimenti/imriekeb spazjali* (bastiment li jivjaġġa fl-ispazju u li minħabba t-tunnellaġġ tiegħu ma jistax jidħol fl-atmosfera ta' pjaneta jew jersaq wisq qrib korp spazjali minħabba l-ġibda tal-gravità) jew jispjega lilu nnifsu bħal *fjammatur/i* (arma li tispara ġett twil ta' nar). Interessanti r-ritorn għal tifsiriet bażiċi bħal *Mulej* li ġejja minn Mula(j). F'*Il-Malti* nsibu li "Mula tfisser raġel għani, għandu ħafna ġid. Minħabba fit-tifsira, il-kelma mula saret kelma ta' ġieħ li nagħtu lill-kbarat." (p.53) Maż-żmien ħadet tifsira speċifika fil-kuntest reliġjuż iżda hawnhekk Fenech qed jużaha fis-sens oriġinali tagħha, jiġifieri kmandant venerabbli, ġeneralment terminu użat għall-kunsill tal-kmandanti veterani tal-flotta spazjali.

Kif qed naraw, il-letteratura toffrielna minjiera ta' ġdid; jekk hemm lok fejn noħolqu l-ġdid huwa proprju fil-letteratura. Permezz tal-innovazzjonijiet morfoloġiċi nitbiegħdu mid-diskors ta' kuljum. Dan ma jfissirx li kull kelma li tinħoloq se taqbad, iżda hemm il-potenzjal, u fruntieri, m'hemmx.

**In-neoloġiżmi bħala għodda mingħajr fruntieri**

1. Din il-ktiba kienet kontribuzzjoni ċkejkna li permezz tagħha xtaqt *Il-lingwa mhix għall-għażżenin*

   Il-Malti, bħal kull ilsien ieħor huwa sinjur, u jekk inħaddmu moħħna sew u

nkunu ftit kreattivi nistgħu noħorġu bi kliem ġdid. Il-lingwa tespandi kemm nespaduha.

2. *L-għodod tal-lingwa*
Sabiex lingwa tikber u tissaħħaħ, jeħtieġ li jkollha diversi għodod disponibbli għaliha. Ngħidu aħna, l-MLRS tana għodd indispensabbli li biha nistħarrġu kemm qed jaqbad il-kliem ġdid. Dizzjunarju li jkun aġġornat minn żmien għal żmien huwa imperattiv, kif rajna fil-każ tal-Oxford English Dictionary. Stħarriġ ta' familjarità fost il-kelliema nattivi jagħtina wkoll stampa iktar ċara ta' kemm il-kelliema huma konxji ta' dan il-kliem ġdid.

3. *Iż-żgħażagħ huma l-ġdid*
Kif rajna mill-kelma *każinata*, iż-żgħażagħ, friski u żgħar huma wkoll, għandhom il-kundizzjonijiet favorevoli biex inisslu kliem ġdid. B'rabta ma' dan, Fabri (2011) jikkummenta hekk:

> Young people tend to create and make use of innovative expressions and combinations in their desire to express themselves as intensely as possible. One could also speculate that they tend to be more adventurous with the use of loan expressions and forms. Some of these expressions fall prey to fashion and just become a passing fad, but others survive and spread. For this reason, "young people" can be considered one potential source of language change. (p.14)

In-natura tan-neoloġiżmi dejjem tinbidel u toħloq il-lingwa mill-ġdid. In-neoloġiżmi jgħaqqdu bażijiet u affissi minn lingwi differenti, ibiddlu t-tifsiriet u joħorġu tifsiriet ġodda. Anke l-istudji marbuta man-neoloġiżmi jimplikaw il-ġdid. Partijiet minn dan l-istudju, minn dawn u ftit snin oħra jkunu datati (bħalma jiġri warakollox f'diversi oqsma). Huwa għalhekk li rridu (aqrawha, il-kelliema nattivi) nibqgħu noħolqu l-lingwa u naċċessaw l-għodod disponibbli għalina, huwa għalhekk li l-Malti jista' jikber f'oqsma diversi u huwa għalhekk li l-lingwa hija għodda mingħajr fruntieri.

## References


Akkademja tal-Malti. (2004). *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija II.* Malta: L-Akkademja tal-Malti u Klabb Kotba Maltin.

Akmajian A. et al. (2010). *Linguistics: An Introduction to Language and Communication.* Cambridge: The MIT Press.

Aquilina, J. (1987). *Maltese English Dictionary.* Malta: Midsea.

Azzopardi, C. (2009 – 2015). *Jake Cassar.* Malta: Merlin. ---. (2015). *Mingu*. Malta: Merlin.

Cabré, M.T., trad. J.A. DeCesaris (1999): *Terminology. Theory, methods and applications*. Il-Pajjiżi l-Baxxi: John Benjamins.

Calleja, G. (2014). “tini. sib. trid. dawwal. armi.” *Ex-Voto: Kitbiet.* < https://issuu.com/ryanfalzon/docs/ex_voto_kitbiet>

Cixous, H. (2014). *White Ink: Interviews on Sex, Text and Politics.* Londra: Routledge.

Crystal, D. (2008). *A Dictionary of Linguistics and Phonetics*. Is-6t ed. Oxford: Blackwell.

Eggins, S. (2004). *Introduction to Systemic Functional Linguistics.* Londra: Continuum.

Ellul, L. (2010). “Il-Verbi Kwadrilitteri fil-Malti.” Teżi tal-BA. U ta’ Malta. ---. “In-Nomi Verbali fil-Malti.” Teżi tal-MA. Università ta’ Malta.

Fabri, R. (2011). “The language of young people and language change in Maltese.” *Variation and Change: The Dynamics of Maltese in Space, Time and Society*. Ed. Sandro Caruana, Ray Fabri, u Thomas Stolz. Berlin: Akademie Verlag. 89-108. *academia.edu*. < https://www.academia.edu/3101737/The_language_of_young_people_and_language_change_in_Maltese>

Fenech, M.A. (2017). *It-Tawmaturgu.* Malta: Horizons.

Fontaine, L. (2017). “The early semantics of the neologism BREXIT: a lexicogrammatical approach”. *Functional Linguistics*. <https://functionallinguistics.springeropen.com/articles/10.1186/s40554-017-0040-x>

Harbeck, J. (2014). “Advertisers Trick Your Brain by Turning Adjectives into Nouns.” Slate. <http://www.slate.com/blogs/lexicon_valley/2014/05/19/advertisers_trick_your_brain_by_turning_adjectives_into_nouns.html>

Hitchings, H. (2011). “Henry Hitchings on neologisms*.” The Guardian*. <https://www.theguardian.com/books/2011/feb/05/henry-hitchings-neologisms>

Kilgarriff, A. (2010). “Google the verb.” *Language Resources and Evaluation,* Vol. 44, No. 3: 281-290. <https://www.jstor.org/stable/40666362?seq=1#page_scan_tab_contents>

Saussure, F. (1916). *Course in General Linguistics*. New York: McGraw-Hill Book Company.

Lieber, R. (2005) “English Word-Formation Processes.” *Handbook of Word-Formation*: 375-427. Pavol Štekauer u Rochelle Leiber (ed).L-Olanda: Springer Science & Business Media.

Mifsud, M. (1995). “The Productivity of Arabic in Maltese.” *AIDA 2nd Conference Proceedings*. Ed. Clive C. Holes. Cambridge: AIDA: 151-160. ---. (2000). “L-Influwenzi fuq il-Malti: Sa Fejn Għandna Naslu?” Ilsien Qadim f’Millenju Ġdid. Malta: L-Akkademja tal-Malti.

*MLRS*. V3.0. (2016) Institute of Linguistics, and the Department of Intelligent Computer Systems. <http://mlrs.research.um.edu.mt>

Nabhan, W. (2014). *Fi Triqti Lejha.* Malta: Klabb Kotba Maltin.

Oxford English Dictionary. (2018). *Updates to the OED.* <https://public.oed.com/updates/>

Ryding, K.C. (2014). *Arabic: A Linguistic Introduction*. Cambridge: Cambridge UP. *Google Books.*

Sajdon, P.P. (1931). “Nisel u Tifsir il-Kliem.” *Il-Malti*. Malta: L-Akkademja tal-Malti.

Sammut, M. (2012). “In-nazzjonalità taċ-ċittadin u ċ-ċittadinanza ta....-....?” *l-aċċent*, Novembru 2012: 9-14. <http://ec.europa.eu/translation/maltese/magazine/documents/issue_08_mt.pdf>

Żahra, C.J. (2013) “Il-Lingwa ta’ Juann Mamo: Bejn il-Qadim, il-Popolari u l-Ġdid Fjamant.” Teżi tal-BA. U ta’ Malta.

Zammit, M. (2016). “It-tpinġija mill-primittiv għall-modern.” *tvm.com.mt*. <https://www.tvm.com.mt/mt/news/it-tpingija-mill-primittiv-ghall-modern/>

## Bio-note

**Leanne Ellul** teaches Maltese at Junior College. Her research interests include synchronic linguistics, with a special interest in morphology and semantics. Other research interests include stylistics and the morphological analysis of literary texts. Her first thesis focused on quadrilateral verbs whilst her second thesis focused on deverbal nouns. She also presented part of this research at an international conference in Bratislava. Other studies that she has written were published in local magazines. Ellul also writes poetry, novels and children's books; she has also penned plays and short stories. She has won a number of awards and her work has also been published abroad.

## Appendiċi 1

Din il-lista ta' neoloġiżmi/kliem ġdid bl-ebda mod m'hija eżawrenti imma tiġbor fiha kliem maħluq ġdid f'dawn l-aħħar snin miġbur minn sorsi differenti u ċċekkjat għall-okkorrenzi fl-MLRS.

| NEOLOĠIŻMU | TIFSIRA | SORS | AWTURI | MLRS (okkorrenzi) |
|---|---|---|---|---|
| andropawża (n.) | mill-Ingliż *andropause*; menopawża tal-irġiel | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 1 |
| arjurant (n.) | xi ħadd injorant li lanqas il-kelma injorant ma jaf jgħid | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 2 |
| awwissjana (n./aġġ.) | serata f'Awwissu | Kummissjoni Armar Marija Annunzjata, Ħal Tarxien | | 0 |
| bebbuxata (n.) | ikla bebbux | Kunsill Lokali Siġġiewi | | 0 |
| bjondata (n.) | stupidaġni | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 0 |
| borrinu (n.) | bl-Ingliż *snowman* | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 3 |
| ċattini (n.) | bħal galletti kbar u ċatti | Tal-Furnar | | 0 |
| ewro (n.) | munita, bl-Ingliż *euro* | Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti | | 40,305 |
| fottifesti (n.) | bl-Ingliż *killjoy*; xi ħadd li jfotti l-festi, joqtol il-gost tan-nies | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 0 |
| fruttata (n.) | Bl-Ingliż *smoothie* | *Tikka Malti 1a* | Clare Azzopardi/ Leanne Ellul | 0 |
| ftajjarija (n.) | Post li jsajjar il-ftajjar | Gululu | | 0 |
| geddumu | (wiċċinu) :( | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 0 |
| għalabibiżmu (n.) | indifferenza, meta tiġi għalabiebek; l-att li tiġi taqa' u tqum minn kollox u kulħadd | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 0 |
| għemżu | (wiċċinu) ;) | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 0 |

| NEOLOĠIŻMU | TIFSIRA | SORS | AWTURI | MLRS (okkorrenzi) |
|---|---|---|---|---|
| ilsienu | (wiċċinu) :P | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 0 |
| ittre (n.) | ittra elettronika | | Olvin Vella | 12 |
| każinata (n.) | lejla f'każin, ħin twil f'każin, ħarġa l-każin | Studenti MCAST<br>L-Għaqda tal-Malti<br>MŻPN<br>MMSA Leisure<br>SACES<br>Każin Banda<br>KSJC | Varji | 0 |
| kejkina (n.) | kejk żgħir; *cupcake* | Kumpanija Privata<br>Kelma Kelma | Michael Spagnol | 0 |
| leglegin (n.) | Nies li jlegilgu | Ħanut | | 2 |
| logħoburist (n.) | min jibgħat messaġġi lil sħabu biex jilagħbu fuq Facebook | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 0 |
| movembru (n.) | *movember*; portmanteau tad-diminuttiv Awstraljan-Ingliż għal mustaċċi "mo" u "Novembru"; matul ix-xahar ta' Novembru l-irġiel ikabbru l-mustaċċi biex ikabbru l-kuxjenza dwar is-saħħa tar-raġel | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 0 |
| neologażmu (n.) | meta jaqbdek eċitament meta toħloq kelma (neoloġiżmu) ġdida | Kelmet il-Malti | Paolo Cassar Manghi | 0 |
| nisatur (n.) | bl-Ingliż *womanizer*; xi ħadd li jġennen in-nisa warajh | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 0 |
| nomofobija (n.) | mill-Ingliż *nomophobia*; il-biża' li tinqabad mingħajr mobile | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 2 |
| pavaljun (n.) | *drop-down menu* | | | 0 |
| pulpetterija (n.) | Post li jsajjar il-pulpetti | Gululu | | 0 |

| NEOLOĠIŻMU | TIFSIRA | SORS | AWTURI | MLRS (okkorrenzi) |
|---|---|---|---|---|
| qabżitlu | (wiċċinu) :@ | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 0 |
| ravjulata (n.) | Ikla ravjul | Sala Parrokkjali<br>Mount Carmel Band Club<br>Marija Reġina Marsa<br>diversi posts fuq Facebook | | 24 |
| sakrangħas (n.) | xi ħadd li jkollu ħafna ngħas u allura jkun qisu fis-sakra | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 0 |
| salottier (n.) | min jiffrekwenta l-grupp *The Salott* fuq Facebook | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 0 |
| sapjosesswali (aġġ.) | mill-Ingliż *sapiosexual;* persuna miġbuda sesswalment lejn l-intelliġenza ta' ħaddieħor | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 1 |
| snackeria (n.) | post li minnu tista' tixtri snack | Ħanut | | 0 |
| splodut (aġġ.)[1] | xi ħadd nofs ras | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 29 |
| stessu (n). | ritratt tiegħek innifsek | Kelmet il-Malti | Leli Forte | 73 |
| tawlini (n.) | stikek twal tal-ikel b'ingredjenti simili għall-galletti | Tal-Furnar | | 0 |
| tbissimu | (wiċċinu) :) | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 0 |
| tiffrejpja (v.) | kelma komposta minn *Facebook* u 'rape'; meta xi ħadd iħalli Facbook miftuħ u "jirrepjaw" il-Facebook tiegħu/tagħha | Kelma Kelma<br>*Frape* | Michael Spagnol<br>Clare Azzopardi | 1 |

1 Xi drabi, fl-MLRS tintuża bis-sens indikat hawn.

| NEOLOĠIŻMU | TIFSIRA | SORS | AWTURI | MLRS (okkorrenzi) |
|---|---|---|---|---|
| tillajkja (v.) | tagħfas like fuq il-post ta' xi ħadd fuq Facebook | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 1 |
| tinnerdja (v.) | min hu nerd jagħmel hekk | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 0 |
| tinstagramma (v.) | ittella' ħafna ritratti fuq instagram | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 0 |
| tissajfaġġja (v.) | tieħu pjaċir bis-sajf; tqatta' sajf sħiħ tagħmel affarijiet ta' gost | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 0 |
| tistremmex (v.) | tistrieħ u tixxemmex | Kelma Kelma/Merlin Publishers/ToM | Michael Spagnol | 0 |
| titbarmel (v.) | ispirata mill-*Ice Bucket Challenge*; titfa' barmil ilma kiesaħ silġ fuq rasek | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 0 |
| titmandar (v.) | issir mandra, ngħidu aħna jekk tixrob | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 1 |
| titmazzaz (v.)[2] | issir mazza, jiġifieri ħelu u gustuż u jkun fik ġisem | Kelma Kelma | Michael Spagnol | |
| warazza (n.) | min għandu l-posterjuri attraenti | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 0 |
| wiċċinu | stampa ta' wiċċ diġitali li jesprimi xi idea, ħsieb jew emozzjoni | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 0 |
| xorbgażmu (n.) | is-sodisfazzjon li tieħu mix-xorb | Kelma Kelma | Michael Spagnol | 0 |
| żiblata (n.) | serata li matulha ssir żibel | Funky Monkey | | 0 |

2 Insibu 184 okkorrenza tal-kelma *mazza* fl-MLRS. Numru ta' drabi tintuża fis-sens ta' ħelu/gustuż/ġisem.